# Messaġġ taċ-Chairman



Il-kundizzjonijiet li taħthom il-bank kellu jopera matul il-biċċa l-kbira tal-2020 kienu ovvjament iddominati mill-pandemija globali li ħasditna, ikkawżata mill-virus tal-Covid-19. Dan kien ta' detriment fuq l-operat kollu tal-bank, kif wara kollox seħħ fuq il-parti l-kbira tan-negozji madwar id-dinja. Mhix sorpriża għalhekk li l-ekonomija lokali soffriet ukoll, speċjalment f'ċerti setturi li ntlaqtu ħażin ħafna, imma l-varji miżuri ta' sostenn li ddaħħlu mill-Gvern u mill-istituzzjonijiet rilevanti, fosthom il-banek, s'issa rnexxielhom itaffu xi ftit id-daqqa. Kien hemm xi indikazzjonijiet inkoraġġanti lejn l-aħħar tas-sena, grazzi għall-isforzi notevoli li għamlet il-komunità xjentifika internazzjonali biex tiżviluppa vaċċini fi żmien daqstant qasir, imma ma nistgħux inbassru b'xi ċertezza kemm irid jgħaddi żmien biex l-ekonomija tirkupra.

Is-sitwazzjoni ta' rati tal-imgħax negattivi baqgħet tipprevali, u ftit li xejn hemm x'juri li din tista' tinbidel. Dan għadu qed iħalli effett fuq ir-riżultati tal-bank tagħna, li jiżdied mal-effett tal-pandemija.

L-instabbiltà ekonomika li ġabet il-pandemija ħalliet impatt materjali fuq ir-riżultati tal-bank għall-2020, kif jispjega tajjeb is-CEO tagħna fir-rapport li jsegwi. Il-bank kien obbligat iżid il-provvedimenti fuq is-self mogħti, abbażi ta' tbassir ekonomiku kawt u konservattiv u tal-linji gwida tal-politika regolatorja. Barra minn hekk, riżultat tal-pandemija, iddeterjorat il-valutazzjoni tal-investimenti tagħna fin-negozju tal-assigurazzjoni, illi kellha impatt negattiv fuq ir-riżultati. Madanakollu ninnota bi pjaċir illi, bis-saħħa tal-bażi kapitali soda li għandna, il-bank qed jipproponi li jitħallas dividend sal-ammont li jippermettu r-restrizzjonijiet regolatorji.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-irkupru tal-ekonomija lokali, il-prijorità immedjata għandha tkun li l-programm nazzjonali ta' tilqim jitwettaq fl-iqsar żmien possibbli biex l-operaturi ekonomiċi tagħna jkunu jistgħu jippjanaw għall-irkupru u lil hinn minnu, u biex jiffokaw fuq is-sostenibbiltà fit-tul tan-negozji tagħhom. Jibqa' essenzjali, għall-iskop ta' dik is-sostenibbiltà fit-tul, illi l-operaturi ekonomiċi kollha tagħna, kif ukoll l-istituzzjonijiet tagħna, jikkontrollaw b'mod effettiv l-esponiment tagħhom għar-riskju ta' reati finanzjarji. Huwa essenzjali li x-xogħol li sar biex jindirizza n-nuqqasijiet li issa l-bank tagħna ilu żmien jesprimi t-tħassib tiegħu dwarhom iwassal għal eżitu ta' suċċess għar-rapport tant mistenni tal-Moneyval. Waqt li l-isforzi nazzjonali, li saru sew mill-pajjiż kemm mill-intrapriżi, kontra r-reati finanzjarji għandhom jitkomplew bla heda, ix-xogħol m'għandux jieqaf hemm. Jekk verament irridu nibnu mudell ekonomiku sostenibbli għal pajjiżna, barra l-governanza effettiva rridu nirrokonoxxu u nħaddnu prijoritajiet oħra globali. Fuq quddiem nett fost dawn hemm l-ambjent. L-HSBC impenja ruħu bil-qawwa u globalment qed jinkoraġġixxi u jappoġġa inizjattivi finanzjarji sostenibbli.

Aħna tal-HSBC għadna nemmnu li l-aktar kontribut importanti li nistgħu nagħtu lill-ekonomija lokali hu li nibqgħu nkunu bank sod u sigur. Bnejna pedament ta' operat fl-osservanza tar-regolamenti, u bi ħsiebna nkabbru l-kummerċ tagħna fuqu. Se nkomplu ninvestu f'servizz bankarju modern, fejn noffru dak li aħna naħsbu li hu l-aħjar għall-ħtiġijiet tal-klijenti tagħna. Nemmnu li l-investiment fil-fergħa l-ġdida tagħna f'Nru 80, Triq il-Mitħna, Ħal Qormi se jkun xhieda ħajja ta' dan, kif ser tkun ukoll il-firxa dejjem akbar ta' soluzzjonijiet diġitali li noffru. Se nkomplu noffru s-sostenn uniku tagħna lill-attivitajiet ta' kummerċ internazzjonali tal-klijenti, permezz tal-isem Globali tagħna. Fi ftit kliem, inkomplu nfittxu li nikbru fis-sod.




Riżultati Finanzjarji ta' Tmiem is-Sena, 18 ta' Frar 2020, Kamra tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija

## Riżultati

Il-prestazzjoni finanzjarja tal-2020 kienet affettwata serjament mill-pandemija tal-Covid-19. Il-profitt rappurtat qabel it-taxxa għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2020 kien ta' €10.4 miljun. Dan jfisser tnaqqis ta' €20.3 miljun jew 66% meta mqabbel mas-sena ta' qabel. It-tnaqqis fil-profitti ġej l-aktar minn żieda fit-telf mistenni fuq krediti fil-portafolji sew kummerċjali kemm personali, kif ukoll minn telf imġarrab mis-sussidjarja tal-assigurazzjoni.

Waqt li ma kienx hemm entrati notevoli fl-2020, il-profitt aġġustat qabel it-taxxa għall-2019 kien jeskludi provvediment għall-ispejjeż ta' ristrutturar u rilaxx ta' provvediment dwar brokerage. Il-profitt aġġustat qabel it-taxxa naqas b'€34.9 miljun jew 77% mill-2019. Hemm iżjed informazzjoni dwar ir-riżultati finanzjarji fir-rapport tas-CEO.

Ir-relazzjonijiet kapitali tal-bank komplew sejrin għall-aħjar, bis-CET1 jitla' minn 16.4% għal 18.0% u r-relazzjoni tal-kapital totali minn 19.0% għal 20.7%. Il-bank għad għandu bażi kapitali soda u hu konformi bis-sħiħ mar-rekwiżiti regolatorji tal-kapital.

Il-profitt li jiġi attribwit lill-azzjonisti kien ta' €7.6 miljun, li jirriżulta fi qligħ sehem b'sehem ta' 2.1 ċenteżmi meta mqabbel ma' 5.6 ċenteżmi fl-2019.

B'għarfien tal-bażi kapitali soda li għandna u wkoll tal-importanza tad-dividendi għall-azzjonisti tagħna, il-Bord irrakkomanda ħlas ta' dividend ta' €2.7 miljun. L-ammont propost huwa l-ogħla li jista' jitqassam, b'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew.

Id-dividend gross finali se jkun ta' 1.16 ċenteżmi kull sehem (0.75 ċenteżmi kull sehem wara t-taxxa).

## L-ambjent regolatorju

Matul l-2020 l-awtoritajiet regolatorji u ta' sorveljanza komplew iżommu għajnejhom iffokati fuq l-immaniġġjar tar-riskju prudenzjali, bil-għan li jikkonsolidaw il-kapital u l-likwidità tal-banek. Din l-attenzjoni saret iżjed ikkonċentrata fl-2020 minħabba l-Covid-19 u l-impatt li qed ikollu fuq is-settur tas-servizzi finanzjarji. Minkejja dawn l-isfidi, il-bank irnexxielu jikkontrolla tajjeb ir-riskju prudenzjali tiegħu, f'suq li ntlaqat serjament minn rati tal-imgħax negattivi u minn spejjeż li jagħfsu dejjem iżjed, minħabba l-obbligu ta' osservanza aktar stretta u aktar attivitajiet ta' kontroll tar-riskju. Matul dan iż-żmien il-bank baqa' jżomm b'mod effettiv mal-mudell kummerċjali tiegħu li jimxi mal-prinċipju li jikber fis-sod, li jilqa' għar-riskju prudenzjali b'mod strett imma aktar fis-sigur, u li jżomm standards għoljin ta' osservanza.

Mill-perspettiva ta' konformità regolatorja, komplejna għaddejjin bi djalogu kontinwu u trasparenti mar-regolaturi ewlenin tal-bank dwar numru ta' temi u evalwazzjonijiet dwar riskju. Dan id-djalogu kompla jissaħħaħ mindu tfaċċa l-Covid-19. Id-diskussjonijiet kienu ffokati prinċipalment biex jassiguraw li l-istrutturi, il-proċeduri u l-kontrolli interni marbutin mal-governanza u mal-immaniġġjar tar-riskju prudenzjali qed jaħdmu b'mod effettiv, b'iżjed enfasi min-naħa tar-regolaturi lokali fuq il-qasam tar-Reati Finanzjarji. Dan ix-xogħol jibqa' kruċjali għall-proċess ta' evalwazzjoni li jsir waqt is-sorveljanza mir-regolaturi.



Riżultati Finanzjarji ta' Nofs is-Sena, 3 ta' Awwissu, b'kollegament remot

Il-Programm ta' Tibdil Regolatorju tal-bank mexa 'l quddiem fuq diversi regolamenti ġodda u imġedda dwar il-ħarsien tal-investituri u l-konsumaturi, bħal pereżempju t-tieni Regolament dwar Ħlasijiet Transkonfinali ('CBPR II'), it-tieni Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament ('PSD II'), u t-tieni Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti ('SRD II'). Dawn ir-regolamenti għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-espansjoni tal-impronta diġitali u l-inklużjoni finanzjarja fil-prodotti u s-servizzi bankarji, waqt li tiġi żvelata informazzjoni aktar kompleta lill-klijenti u lill-azzjonisti. Barra minn hekk, fid-dawl tal-Covid-19, il-Bank Ċentrali ta' Malta implimenta wkoll id-Direttiva dwar Moratorji fuq Faċilitajiet ta' Kreditu f'Ċirkustanzi Eċċezzjonali (Direttiva tal-Bank Ċentrali Nru 18). Din id-direttiva għandha l-għan li tipprovdi qafas regolatorju għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji f'Malta biex jagħtu moratorju fuq faċilitajiet ta' kreditu lil min issellef u ġie milqut materjalment mill-imxija tal-Covid-19.

Matul is-sena l-bank kien involut f'ħidma mill-qrib mar-regolaturi u korpi fl-industrija waqt il-proċessi ta' konsultazzjoni u implimentazzjoni li kienu għaddejjin għal tibdiliet regolatorji oħra. Eżempji ta' dawn huma t-tibdiliet fil-Proċeduri tal-Implimentar tal-FIAU, it-tranżizzjoni tar-Rati Offruti bejn il-Banek ('IBOR'), u l-preparamenti għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Qasam ieħor li kompla jirbaħ l-attenzjoni matul l-2020 kien dak tal-Fintech, it-teknoloġija finanzjarja, inklużi l-immudellar kummerċjali diġitali, u r-riskji u r-reżiljenza tal-użu tal-informatika. Dawn kollha huma suġġetti li kellhom importanza akbar fl-aġenda regolatorja u li wkoll baqgħu jkunu fatturi kruċjali fil-mezzi ta' difiża strateġika u operattiva tal-bank.

Il-bank se jibqa' josserva u jsegwi l-iżviluppi regolatorji rilevanti kollha li se jkunu qed jiżviluppaw sabiex jaderixxi bis-sħiħ mal-obbligi legali u regolatorji li għandu, u biex jikkontribwixxi għall-aġenda regolatorja u l-proċess konsultattiv li qed jevolvu fil-ġurisdizzjoni Ewropea u dik lokali.

## Ir-responsabbiltà tagħna lejn il-komunità

Permezz tal-HSBC Malta Foundation, niffokaw fuq il-ħolqien ta' futur sostenibbli li jħalli impatt pożittiv fuq is-soċjetà, l-ambjent u l-ekonomija ta' madwarna. Il-Grupp HSBC ilu jaħdem bis-sħiħ biex ifassal l-aġenda tiegħu ta' Sostenibbiltà Korporattiva għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet tal-futur. Aħna qed naħdmu biex insiru bank ta' zero emissjonijiet netti. Il-Grupp HSBC se jasal għal dan billi jiżgura li x-xogħol tagħna jkun ta' zero emissjonijiet netti sal-2030 u jirregola l-emissjonijiet finanzjati tagħna b'mod li jilħqu zero emissjonijiet netti sal-2050 jew qabel. Il-Grupp HSBC se jappoġġa l-klijenti tiegħu f'dan il-vjaġġ billi jiddedika triljun dollaru Amerikan għall-finanzjament u investiment globali fl-għaxar snin li ġejjin. B'din l-ambizzjoni f'moħħna, hawn Malta konna attivi ħafna fl-2020 biex nimbuttaw inizzjattivi li jaqblu ma' din l-istrateġija.

F'dinja mgħaġġla li qed tinbidel kuljum, il-Programm tal-Ħiliet Futuri tal-HSBC qiegħed jgħin liż-żgħażagħ ta' Malta u Għawdex jiksbu ħiliet ġodda li jwassluhom biex jirnexxu fil-karrieri tagħhom 'il quddiem. L-HSBC Malta Foundation iffaċilitat għadd ta' proġetti, fosthom STEM Camps (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika) b'kooperazzjoni maċ-Ċentru tax-Xjenza ta' Pembroke, proġett ta' intrapriża soċjali bil-kooperazzjoni tal-Kulleġġ Maria Regina u ċ-Ċentru Dun Manwel Attard tar-Riżorsi Edukattivi għaż-Żgħażagħ Adulti tal-Wardija, proġett ta' ħiliet għall-karriera mmexxi flimkien mal-Assoċjazzjoni Down Syndrome ta' Malta, il-programm Achieve tal-Prince's Trust International, u diversi programmi tal-Fondazzjoni JAYE Malta. Dawn il-programmi laħqu 'l fuq minn 1,300 żagħżugħ madwar Malta u Għawdex.

Qasam ieħor li nagħtuh importanza huwa l-litteriżmu finanzjarju. L-HSBC Malta Foundation qiegħda tgħin f'dawn l-inizjattivi: il-proġett Invest+ tal-Malta Business Bureau, fejn organizzajna serje ta' klassijiet ta' taħriġ interattiv fl-użu ta' servizzi bankarji diġitali; numru ta' taħditiet ta' Financial Literacy fil-komunità dwar l-għarfien u s-serħan tal-moħħ finanzjarju; u sostenn f'għadd ta' attivitajiet tal-kampanja nazzjonali ta' tagħlim finanzjarju GEMMA, li bihom ilħaqna 'l fuq minn 500 ċittadin fil-komunità.




Impjegati tal-HSBC Malta f'attività ta' tħawwil ta' siġar

L-HSBC Centre of Sustainable Finance isostni lill-HSBC fl-ambizzjoni tiegħu biex iħaffef it-tranżizzjoni għal livelli aktar baxxi ta' karbonju billi jħeġġiġna naħsbu iżjed dwar kif nittrasformaw l-ekonomija reali u nsaħħu r-rispons tas-sistema finanzjarja għall-bidla fil-klima. Fl-2020 l-HSBC Foundation bdiet taħditiet ma' diversi istituzzjonijiet biex jitfasslu programmi marbutin mal-Climate Ambition tagħna, li se jiġu varati fl-2021.

Kull sena, l-HSBC Malta Foundation talloka parti mill-fondi tagħha għal kawżi li huma importanti għall-komunità. Dawn jinkludu l-ħarsien tal-ambjent u l-konservazzjoni tal-wirt nazzjonali. Matul l-2020 il-Fondazzjoni kellha l-unur li tappoġġa numru ta' NGOs lokali, fosthom in-Nature Trust Malta, Dr Klown, il-Fondazzjoni OASI, MOVE, il-Malta Community Chest Fund Foundation, il-Fondazzjoni Patrimonju Malti, is-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar ta' Malta, u l-Malta Hospice Movement. Meta ġiet fuqna l-kriżi tal-Covid-19, l-HSBC Malta Foundation tat l-għajnuna tagħha lill-Foodbank Lifeline Foundation, Caritas Malta, il-Fondazzjoni St Jeanne Antide, il-Fondazzjoni Richmond, u l-Malta Trust Foundation, biex ikunu jistgħu jassistu lil nies vulnerabbli fil-komunità li ntlaqtu mill-pandemija.

F'isimkom nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-impjegati kollha li għenu bl-isforzi u d-dedikazzjoni tagħhom biex dawn l-inizjattivi jirnexxu fl-għanijiet tagħhom.

## In-nies tagħna

L-isfidi li kellhom jiffaċċaw in-nies tagħna f'din il-pandemija kienu ħafna. M'għandix kliem biżżejjed biex infaħħar l-isforzi tal-management biex iqiegħdu s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati u tal-klijenti tagħna 'l fuq minn kull konsiderazzjoni oħra. Bl-istess mod ma nistax infaħħar biżżejjed il-mod serju u kollaborattiv li bih l-impjegati wieġbu għall-protokolli ġodda li kellhom jiffaċċaw u li għadhom jiffaċċaw sal-lum.

Għalhekk nixtieq nuri l-gratitudni tiegħi f'isimkom lill-impjegati kollha, illi ħadmu kuljum bl-attenzjoni dovuta biex iwasslu s-servizzi tal-HSBC lill-klijenti tagħna. L-impjegati tagħna huma marbuta li jaħdmu skont l-ogħla standards, u d-dixxiplina u d-dedikazzjoni tagħhom huma ta' min ifaħħarhom.

In-nies tagħna huma mmexxija minn Management Team verament professjonali u versatili, li ħadem bis-sod biex imexxi l-bank 'il quddiem f'dawn iż-żminijiet diffiċli, u fl-istess ħin fassal strateġiji li jħarsu 'l quddiem lejn tkabbir fis-sigur biex jitressqu quddiem il-Bord.



L-HSBC Malta jagħti l-appoġġ fil-proġett tat-tqassim tal-ikel tal-Malta Trust Foundation

## Il-Bord tad-Diretturi

Matul l-2020, kien hemm xi bidliet fil-kompożizzjoni tal-Bord. Fid-9 ta' Marzu l-Bank ħabbar il-ħatra ta' Simon Vaughan Johnson bħala Kap Eżekuttiv u Direttur Eżekuttiv tal-bank. Hu mela l-post li tbattal minn Andrew Beane li mexa għal pożizzjoni għolja oħra fil-Grupp HSBC bħala Chief of Staff and Transformation fl-Ewropa. Bħala Kap Eżekuttiv Andrew Beane kien responsabbli li jmexxi l-bank fi żmien fejn kien meħtieġ li jsiru għadd ta' bidliet fondamentali fl-operat tal-bank. Huwa dejjem refa' r-responsabbiltajiet b'dehen u professjonaliżmu fl-interess tal-bank kollu. Il-bank jibqa' grat lejh għas-servizz eċċellenti tiegħu.

Simon Vaughan Johnson, li hu Associate of the Chartered Institute of Bankers ('ACIB') u Member of the Chartered Institute of Linguists, joffri lill-Bord esperjenza wiesgħa u profonda fuq xogħol bankarju internazzjonali. Hu kellu l-kariga ta' Country Head u ħadem fl-oqsma tal-Commercial Banking, Wealth and Personal Banking, u Global Markets. Ħadem ukoll fil-Financial Crime Risk, Trade Services, Payments and Cash Management u e-Commerce. Kellu pożizzjonijiet f'disa' pajjiżi u erba' reġjuni. Qabel ma ħa l-pożizzjoni tiegħu f'Malta, is-Sur Vaughan Johnson kien Kap tar-Remediation Management Office tal-HSBC fi Franza. Il-ħatra tiegħu ġiet approvata mir-Regolatur fis-6 ta' Lulju 2020.

Fit-8 ta' April Gordon Cordina rriżenja minn Direttur wara li għamel tliet snin fuq il-Bord. Is-suċċessur tiegħu huwa Manfred Galdes, li għandu l-professjoni ta' avukat u jipprattika fil-qasam tal-osservanza regolatorja, speċjalment fir-rigward ta' reati finanzjarji, u kellu diversi karigi importanti sew fis-settur pubbliku kemm dak privat. Bejn l-2008 u l-2016 kien il-kap tal-FIAU, li hi l-entità Maltija tal-intelliġenza finanzjarja u l-awtorità ewlenija għas-sorveljanza kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Attwalment huwa is-sieħeb ewlieni tal-Grupp ARQ, li hi ditta ta' konsulenza multidixxiplinarja.

L-aħħar bidla fil-kompożizzjoni tal-Bord saret fil-11 ta' Novembru, meta Christopher Davies warrab mill-pożizzjoni ta' Direttur fuq il-Bord wara li kien ilu fiha minn Mejju tal-2014. Sakemm kien fil-kariga, Christopher Davies, li kien Group General Manager, serva lill-Bord bħala ħolqa imprezzabbli bejn il-Bank u l-Grupp HSBC, u għal dan, il-bank jibqa' dejjem obbligat lejh.

Fil-11 ta' Novembru l-bank ħabbar li kien qed jipproponi l-ħatra ta' Matthew Colebrook biex jieħu post Christopher Davies bħala Direttur Mhux Eżekuttiv. Matthew Colebrook huwa bankier ta' esperjenza b'34 sena ta' servizz impekkabbli mal-Grupp HSBC. Hu ħadem f'diversi karigi għoljin mal-Grupp HSBC madwar id-dinja. Bħalissa jokkupa l-kariga ta' Kap Reġjonali tal-Wealth and Personal Banking fl-Ewropa, il-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u t-Turkija. Il-ħatra tiegħu għad trid tirċievi l-approvazzjoni tar-Regolatur.

Il-Bord tad-Diretturi tal-bank huwa kompost minn kollegi li għandhom esperjenza u huma esperti f'oqsma varji hekk li jistgħu joffru l-aqwa perspettivi fuq l-aġendi differenti li jkunu diskussi fil-laqgħat matul is-sena. Hekk inkunu moħħna mistrieħ li d-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu jkunu bbażati fuq l-ogħla standards etiċi u fuq għarfien tajjeb tas-settur bankarju. Huwa pjaċir u privileġġ kbir tiegħi li nservi bħala Chairman ta' dal-grupp ta' nies straordinarju. F'isimkom nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi lejhom għall-konċentrazzjoni u d-dedikazzjoni tagħhom fil-ħidma tal-Bord.

## Ħarsa 'l quddiem

Il-bank tagħna jitmexxa fuq bażi għat-tul. Id-deċiżjonijiet jittieħdu fl-aħjar interess tal-partijiet kollha interessati waqt li nibqgħu fidili lejn il-valuri tagħna.

L-ambjent ekonomiku ġie affetwat konsiderevolment mill-pandemija u s-settur bankarju, li għaddej ukoll minn żmien ta' rati tal-imgħax baxxi, għadu jiffaċċa sfidi kbar. Dan kollu kellu impatt negattiv fuq ir-riżultati tal-bank għall-2020, madankollu aħna nibqgħu nfittxu li ninvestu u ntejbu s-servizzi u l-proposti tagħna.

Se nibqgħu niffokaw fuq opportunitajiet sensibbli li jaqblu mal-valuri tagħna, u li jissarrfu f'benefiċċji fit-tul għal dawk kollha li għandhom interess fil-bank. Il-kapaċità unika li għandna li nlaqqgħu l-kumpaniji Maltin mal-ekonomija globali jibqa' jkun il-vantaġġ distintiv tagħna.

Nagħlaq billi nesprimi l-gratitudni tiegħi lejkom l-azzjonisti għall-appoġġ li dejjem tagħtu u l-impenn tagħkom lejn il-bank. Irrid naċċertakom illi kulħadd, fl-HSBC Bank Malta p.l.c., se jibqa' jagħmel l-almu tiegħu biex niksbu l-aħjar riżultati possibbli għall-investiment tagħkom.



**John Bonello**
Chairman
23 ta' Frar 2021